*Id-Devozzjoni lejn il-Madonna ġewwa Ħaż-Żebbuġ*

# Il-Kappella 'Tal-Madonna Ta' L-Anġli'



*kitba minn* ***Odette CORTIS*** ***B.A. (Hons.) Hist.***

**Fl-artiklu** tas-sena l-oħra kont ktibt dwar il-Kapella msejjħa "*Ta' Mamo*" li hija kappella ddedikata lil Sidtna Marija mtellgħa s-sema li tinsab ġewwa Ħaż-Żebbug. Din is-sena ħa niddedika dan l-artiklu tiegħi lil kappella oħra li tinsab fl-istess raħal u li wkoll hija ddedikata lill-Madonna imma din id-darba taħt titlu differenti. Il-kappella ddedikata lil Sidtna Marija "Ta' L-Angli". Żgur u mhux forsi li meta wieħed jgħid it-talba l-iktar għal qalb il-Madonna, it-talba tar-Rużarju, żgur ħa jgħid il-litanija tal-Madonna. Fiha wieħed isib ħafna titli sbieħ li l-Madonna għandha, fosthom dik ta' Sultana ta' l-Anġli.

## Id-Devozzjoni lejn il-Madonna ta' l-Anġli

Din id-devozzjoni lejn il-Madonna msejħa "Ta' l-Anġli" hija marbuta ħafna ma' San Franġisk u l-Ordni tiegħu. Għalhekk l-Italja hija waħda mill-postijiet li l-iktar insibu din id-devozzjoni. U waħda mill-iktar xbihat għeżież li qegħda ġewwa Ruma hija dik li turi lill-Madonna bħala dik li teħles mill-pwieni ta' l-infern lil dawk li jfittxu l-għajnuna tagħha. Din ix-xbiha qiegħda fil-Knisja ta' Santa Prassede.

U billi l-Italja ma tantx hi l' bogħod minn gżiritna, din id-devozzjoni waslet f'Malta wkoll u bdiet tinxtered u titwieled fl-irħula u l-inħawi tista tgħid kollha. Per eżempju fl-1624 din id-devozzjoni twieldet fil-Birgu permezz tal-kanonku Giovanni Habel. Dan bena knisja żgħira u żejjinha b'kollox u tant kien iħobbha li saħansitra meta miet fl-1642 indifen ġo fiha. Fl-1750 din il-qima Marjana daħlet ukoll f'Ħaż-Żebbuġ permezz ta' Marjanu Buttigieg.

## X'ġiegħel lil dan Marjanu jibni kappella taħt it-titlu ta' l-Anġli?

Dan Marjanu kien tabib u kien devot kbir tal-Madonna. Dan it-tabib kien ħalla l-professjoni tiegħu sabiex isir qassis u għalhekk studja Ruma fejn kien spiss jinvista l-Madonna fil-Knisja ta' Santa Prassede. Saħansitra għamel fehma li xi darba jibni kappella ad unur tal-Madonna taħt dan it-titolu. B'dan l-iskop huwa għamel it-testment fl-atti tan-nutar Antonio Vincenzo Brignone fejn ħalla kważi ġidu kollu ħalli bih issir il-kappella lil "*Sancta Maria libera nos a poenis inferni et Regina sptem Angelorum adstantium Ante thronum Dei*".[1]

Wara l-mewt ta' Dun Marjanu, l-esekuturi tiegħu, Patist Caruana u l-markiż Mikiel Apap, ħadu ħsieb biex din il-kappella tinbena kemm jista' jkun skond ix-xewqa tat-testatur u kemm jista' jkun tkun sabiħa. Il-perit Giovanni Andrea Psaila għamel il-pjanta tagħha. Sa' l-1787, il-knisja kienet lesta u l-Isqof Vincenzo Labini berikha fit-3 ta' Novembru 1787.



*Il-knisja tal-Madonna ta' l-Anġli nbniet fl-1787 fuq pjanta tal-Perit Gio. Andrea Psaila. Il-benefattur tagħha kien Dun Marjanu Buttigieg.*

## Il-Kappella tal-Madonna ta' l-Anġli

Meta wieħed iħares lejn il-faċċata ta' din il-kappella jara numru ta' pilastri doriċi u li fiha tliet bibien. Il-bieb il-maġġur għandu ġwarniċa wiesa' mad-dawra tiegħu filwaqt li l-blata hija mistrieħa fuq għamla ta'

żewġ saljaturi skulturati. Il-fontispizju hu għoli ħafna b'tieqa f'nofsu u fuq kull naħa hemm għamla ta' ġebel maħruġ 'il barra. Mill-istil li fih jidher li sar, kien bil-għan li jiġu skulturati l-armi tal-Gran Mastru u ta' l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien iżda dawn baqgħu ma saru qatt.

Iz-zuntier hu mgħolli fuq tliet tarġiet u jinfirex fuq il-wesgħa kollha tal-knisja. Il-koppla hija waħda mill-isbaħ li hemm ġewwa Ħaż-Żebbuġ u din tagħlaq il-kumpless arkitettoniku.

## Il-Kappella minn ġewwa

S'issa tkellimt biss fuq l-istil ta' din il-kappella minn barra issa tajjeb li wieħed jagħti naqra informazzjoni fuq x'fiha minn ġewwa. Malli wieħed jidħol ġewwa din il-knisja, jibqa' impressjonat għaliex għalkemm mhix kbira xorta għandha opri artistiċi li żgur jogħġbu lil kulmin jidħol fiha. Hija mibnija fuq stil doriku. Ħadmu fiha diversi nies ta' sengħa u x-xogħol li fiha huwa wieħed preċiż u dettaljat. Dan ix-xogħol kollu wieħed jista' japprezzah fil-gwarniċun li jdawwar din il-kappella kollha.

## Il-Kwadru Titulari

Il-kwadru titulari huwa xogħol il-pittur Malti Rokku Buhagiar u juri lill-Madonna bil-Bambin imdawwra b'numru sabiħ ta' Anġli. Fuq ix-xellug tagħha hemm ukoll San Mikiel, il-prinċep ta' l-anġli liebes ta' gwerrier u fuq in-naħa l-oħra hemm San Gabrijel għarkubbtejh flimkien ma' Anġlu Kustodju b'tarbija għarkobbtejh fuq sħaba.

Barra minn dan il-kwadru f'din il-knisja hemm erba' pitturi oħra sbieħ imqegħda fi gwarniċi tondi ta' l-injam indurat. Dawn l-erba' pitturi huma wkoll xogħol ta' Rokku Buhagiar. Fl-ewwel wieħed hemm il-konverżjoni ta' San Pawl fi triqtu lejn Damasku, fl-ieħor hemm il-miraklu tal-lifgħa (meta San Pawl wasal Malta u telgħet lifgħa biex tigdmu). Kwadru ieħor juri il-martirju ta' San Pawl u l-aħħar kwadru juri l-Martirju ta' San Pietru.[2]

Illum il-ġurnata din il-knisja, għalkemm hija opra artistika u prezzjuża għaż-Żebbuġin kollha, ma tantx għadha tintuża u m'għadux isir quddies ġewwa fiha. Imma xorta waħda għadek issib nies li huma devoti ħafna tal-Madonna taħt it-titlu "Ta' l-Anġli".

***Referenzi:***

1. *Vella Luret* - ***Storja ta' Ħaż-Żebbuġ***, *1986, p. 65.*
2. *Miscellaneous Volume* - ***Żebbuġ Parish Archives***.

Bruynzeel®

THE LEADING BRAND FOR QUALITY
IN COLOURING AND WRITING PRODUCTS
AVAILABLE FROM ALL STATIONERS

trademargin limited
A DIVISION OF TRADEWAYS LTD.

New Dawn Building,
Mons. Mikiel Azzopardi Street, Mosta MST 05
Tel: 21415813 - Mob: 9947 1573 - Fax: 21435181